KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKATA ĠENERALI
MEDINA
ippreżentati fis-26 ta' Ġunju 2025[1]

Kawża C-313/24

Opera Laboratori Fiorentini SpA
vs
Ministero della Cultura,
Gallerie degli Uffizi,
A.L.E.S. - Arte Lavoro e Servizi SpA,
parti oħra fil-kawża:
Scudieri International Srl

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat, l-Italja)

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika estera u ta' sigurtà komuni (PESK) – Miżuri restrittivi meħuda fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina – Regolament (UE) Nru 833/2014 – Artikolu 5k(1)(c) – Projbizzjoni tal-għoti jew tat-tkomplija tal-eżekuzzjoni ta' kuntratti pubbliċi ma' ċittadini Russi u entitajiet jew korpi stabbiliti fir-Russja – Kunċett ta' aġir 'f'isem entità jew skont id-direzzjoni tagħha' – Kontroll *de facto* – Ċirkustanzi li jeħtieġu eżami ulterjuri mill-awtorità kontraenti – Evalwazzjoni bbażata fuq iċ-ċirkustanzi legali u fattwali rilevanti kollha"

1. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari tikkonċerna l-interpretazzjoni tal-Artikolu 5k(1)(c) tar-Regolament (UE) Nru 833/2014 tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina[2], kif emendat permezz tar-Regolament (UE) 2022/576[3].

2. It-talba saret fil-proċeduri bejn Opera Laboratori Fiorentini SpA u diversi entitajiet pubbliċi u privati Taljani dwar l-għoti ta' kuntratt pubbliku ta' għaxar snin li jiswa EUR 8.89 miljun għal servizzi ta' ġestjoni ta' bar u ta' restorant fuq ġewwa fil-Palazz Pitti u fil-Ġnien Boboli, li jifformaw parti mill-kumpless ta' mużewijiet tal-Gallerija Uffizi ġewwa Firenze (l-Italja) (iktar 'il quddiem il-"kuntratt inkwistjoni").

3. Opera Laboratori Fiorentini, li ġiet ikklassifikata fit-tieni post fil-proċeduri ta' għoti ta' kuntratti pubbliċi, ikkontestat id-deċiżjoni li jingħata l-kuntratt lil Scudieri International Srl permezz ta' azzjoni mressqa quddiem it-Tribunale amministrativo regionale per la Toscana

[1] Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

[2] Regolament tal-Kunsill tal-31 ta' Lulju 2014 (ĠU 2014, L 229, p. 1, rettifiki fil-ĠU 2014, L 246, p. 59 u fil-ĠU 2022, L 114, p. 214).

[3] Regolament tal-Kunsill tat-8 ta' April 2022 li jemenda r-Regolament Nru 833/2014 (ĠU 2022, L 111, p. 1, rettifiki fil-ĠU 2022, L 190, p. 191 u fil-ĠU 2022, L 202, p. 58).

(il-Qorti Amministrattiva Reġjonali għat-Toscana, l-Italja) billi sostniet li l-għoti imur kontra l-projbizzjoni stabbilita fl-Artikolu 5k(1)(c) tar-Regolament Nru 833/2014, fuq il-bażi li tnejn minn tlieta tal-membri tal-bord tad-diretturi ta' Scudieri International huma ċittadini Russi, u li wieħed huwa wkoll il-president u d-direttur maniġerjali ta' din l-istess kumpannija, kif ukoll id-direttur uniku tal-kumpannija Sielna SpA (iktar 'il quddiem il-"kumpannija omm"), b'90 % tal-ishma fi Scudieri International.

I. Il-kuntest ġuridiku

4. L-Artikolu 5k(1) tar-Regolament Nru 833/2014, kif kien miktub fiż-żmien rilevanti għal din il-kawża, jipprevedi li għandu jkun ipprojbit l-għoti jew it-tkomplija tal-eżekuzzjoni ta' kwalunkwe kuntratt pubbliku jew ta' konċessjoni li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttivi dwar il-kuntratti pubbliċi, lil jew ma':

"(a) ċittadin Russu, jew persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp stabbiliti fir-Russja;

(b) persuna ġuridika, entità jew korp li aktar minn 50 % tad-drittijiet proprjetarji tagħhom huma direttament jew indirettament proprjetà ta' entità msemmija fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu; jew

(c) persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp li jaġixxu f'isem entità msemmija fil-punti (a) jew (b) ta' dan il-paragrafu jew skont id-direzzjoni tagħha,

inklużi, fejn dawn jammontaw għal aktar minn 10 % tal-valur tal-kuntratt, tas-sottokuntratturi, tal-forniturijew tal-entitajiet li l-kapaċitajiet tagħhom huma invokati fis-sens tad-Direttivi dwar l-akkwist pubbliku."

5. L-Artikolu 12 tar-Regolament Nru 833/2014 jipprevedi kif ġej:

"Il-parteċipazzjoni, konxjament u intenzjonalment, f'attivitajiet li għandhom l-għan jew l-effett li jevitaw il-projbizzjonijiet imsemmija […] għandha tkun ipprojbita."

II. It-tilwima fil-kawża prinċipali u d-domanda preliminari magħmula

6. Wara l-proċedura pubblika elettronika miftuħa miżmuma mill-awtorità kontraenti, il-Ministero della Cultura (il-Ministeru għall-Kultura, l-Italja) bi sħab mal-Gallerija Uffizi, taw lil Scudieri International il-kuntratt inkwistjoni permezz ta' deċiżjoni tal-25 ta' Novembru 2022 wara li kisbet l-ogħla punteġġ tal-erba' offerenti.

7. Opera Laboratori Fiorentini rċeviet it-tieni l-ogħla punteġġ u kkontestat il-legalità ta' din id-deċiżjoni quddiem it-Tribunale amministrativo regionale per la Toscana (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali għat-Toscana), billi sostniet, *inter alia*, li l-għoti tal-kuntratt pubbliku inkwistjoni jikser il-projbizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5k(1) tar-Regolament Nru 833/2014, fuq il-bażi li tnejn minn tlieta tal-membri tal-bord tad-diretturi ta' Scudieri International huma ċittadini Russi, wieħed huwa l-president tal-bord tad-diretturi ta' din il-kumpannija u d-direttur maniġerjali, kif ukoll id-direttur uniku tal-kumpannija omm, li għandha 90 % tal-ishma fi Scudieri International.

8. Permezz tas-sentenza tal-25 ta' Mejju 2023, dik il-qorti ċaħdet l-azzjoni mressqa minn Opera Laboratori Fiorentini.

9. Opera Laboratori Fiorentini ippreżentat appell mis-sentenza tat-Tribunale amministrativo regionale per la Toscana (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali għat-Toscana) quddiem il-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat, l-Italja), li huwa l-qorti tar-rinviju, fejn tikkontesta d-deċiżjoni u tiddikjara mill-ġdid il-motivi oriġinali tagħha.

10. Il-qorti tar-rinviju tikkunsidra li l-proċeduri li hija adita bihom jeħtieġu risposta dwar jekk Scudieri International kellhiex tiġi eskluża mill-proċedura ta' għoti ta' kuntratti pubbliċi, minħabba li l-Artikolu 5k(1)(c) tar-Regolament Nru 833/2014 għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprojbixxi l-għoti ta' kuntratti lil operaturi ekonomiċi li jaġixxu "f'isem entità […] jew skont id-direzzjoni […]" ta' ċittadin Russu u, f'din il-kawża, l-offerent magħżul qiegħed jaġixxi "skont id-direzzjoni" ta' "entità" Russa, jiġifieri l-membri tal-bord tad-diretturi, li wieħed minnhom huwa l-president tal-bord tad-diretturi, id-direttur maniġerjali u d-direttur uniku tal-kumpannija omm.

11. Dik il-qorti titlob kjarifika dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 5k(1)(c) tar-Regolament Nru 833/2014 minħabba li, fil-fehma tagħha, hemm lok għal dubju dwar jekk il-kliem "f'isem […] jew skont id-direzzjoni tagħha" huwiex rilevanti biss jekk jikkonċerna "entità" li ma hijiex persuna fiżika li hija ċittadina Russa jew jekk il-kelma "entità" għandhiex tinftiehem fis-sens li tkopri l-firxa sħiħa ta' persuni msemmija fil-punti preċedenti (a) u (b) tal-Artikolu 5k(1).

12. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat) iddeċieda li jissospendi l-proċeduri u li jagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"Id-dispożizzjoni tal-Artikolu 5k[(1)](c) tar-Regolament [Nru 833/2014] introdotta bir-Regolament [2022/576] dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna, fil-parti fejn tipprevedi l-projbizzjoni tal-għoti jew it-tkomplija tal-eżekuzzjoni ta' kwalunkwe kuntratt pubbliku jew ta' konċessjoni ma' 'persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp li jaġixxu f'isem entità msemmija [fil-punti (a)] jew (b) ta' dan il-paragrafu jew skont id-direzzjoni tagħha, [inklużi], fejn dawn jammontaw għal aktar minn 10 % tal-valur tal-kuntratt, tas-sottokuntratturi, tal-forniturijew tal-entitajiet li l-kapaċitajiet tagħhom huma invokati fis-sens tad-Direttivi dwar l-akkwist pubbliku', għandha tiġi interpretata fis-sens li din il-projbizzjoni tapplika għal kumpannija stabbilita skont id-dritt Taljan li jkollha s-sede tagħha fit-territorju Taljan, li l-ishma tagħha huma miżmuma minn kumpanniji Taljani u li s-soċji tagħha huma persuni fiżiċi li ma humiex ċittadini Russi, iżda li tnejn minn tlieta tal-membri tal-bord tad-diretturi huma ċittadini Russi, u li wieħed minn dawn, li hu l-president u direttur maniġerjali ta' dan l-istess bord tad-diretturi, ikun ukoll direttur uniku tal-kumpannija omm b'90% tal-ishma?"

13. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub minn Opera Laboratori Fiorentini, minn Scudieri International, u mill-Gvern Awstrijak, Taljan u Olandiż kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea. Dawn il-partijiet, minbarra l-Gvern Awstrijak u dak Olandiż, ippreżentaw sottomissjonijiet orali waqt is-seduta tal-5 ta' Marzu 2025.

III. Evalwazzjoni

14. Permezz tad-domanda preliminari magħmula, il-qorti tar-rinviju essenzjalment, tistaqsi, jekk l-Artikolu 5k(1)(c) tar-Regolament Nru 833/2014, fil-parti fejn jipprevedi l-projbizzjoni tal-għoti jew it-tkomplija tal-eżekuzzjoni ta' kwalunkwe kuntratt pubbliku jew ta' konċessjoni ma' "persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp li jaġixxu f'isem entità msemmija fil-punti (a) jew (b) ta' dan il-paragrafu jew skont id-direzzjoni tagħha" għandux ikun interpretat fis-sens li din il-projbizzjoni tapplika fejn kuntratt pubbliku jingħata lil kumpannija stabbilita skont id-dritt Taljan meta tnejn minn tlieta tal-membri tal-bord tad-diretturi tagħha huma ċittadini Russi, fejn wieħed huwa l-president tal-bord tad-diretturi u d-direttur maniġerjali ta' din il-kumpannija, kif ukoll id-direttur uniku ta' kumpannija omm b'90 % tal-ishma tal-offerent magħżul.

15. L-Artikolu 5k(1) tar-Regolament Nru 833/2014 jipprojbixxi l-għoti jew it-tkomplija tal-eżekuzzjoni ta' kwalunkwe kuntratt pubbliku jew konċessjoni li jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-direttivi dwar il-kuntratti pubbliċi tal-Unjoni fejn hemm rabta bejn offerent u r-Russja. Din il-projbizzjoni tapplika fi tliet tipi ta' sitwazzjonijiet stabbiliti fil-punti (a) sa (c) ta' dan il-paragrafu, u kull wieħed minnhom jiddefinixxi kategorija ta' suġġetti legali li fuqhom tapplika l-projbizzjoni. Il-punt (c), b'mod partikolari, ikopri persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi li "jaġixxu f'isem entità msemmija fil-punti (a) jew (b) ta' dan il-paragrafu jew skont id-direzzjoni tagħha".

16. Skont ġurisprudenza stabbilita, fl-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, huwa neċessarju li jitqies mhux biss il-kliem tagħha iżda wkoll il-kuntest tagħha u l-għanijiet tal-leġiżlazzjoni li minnha hija tagħmel parti [4].

17. F'din il-kawża, il-kunċett ta' "f'isem entità […] jew skont id-direzzjoni tagħha" fis-sens tal-Artikolu 5k(1)(c) tar-Regolament Nru 833/2014 ma huwiex imfisser mil-leġiżlatur tal-Unjoni u din id-dispożizzjoni lanqas ma tagħmel xi riferiment espliċitu għad-dritt tal-Istati Membri għall-finijiet ta' determinazzjoni tas-sens u l-portata. Dan il-kunċett għandu, għalhekk, jingħata interpretazzjoni awtonoma u uniformi [5].

A. Interpretazzjoni testwali

18. Id-domanda preliminari magħmula mill-qorti nazzjonali titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiddefinixxi, essenzjalment, jekk għall-finijiet tal-Artikolu 5k(1)(c) tar-Regolament Nru 833/2014, l-istruttura ta' governanza u ta' proprjetà speċifika inkwistjoni twassalx għal relazzjoni ta' aġenzija jew kontroll suffiċjenti sabiex issostni konstatazzjoni li l-offerent magħżul qiegħed "[jaġixxi] f'isem […] jew skont id-direzzjoni […]" ta' suġġett legali ieħor. B'mod iktar speċifiku, hija tippronunzja d-domanda preliminari dwar jekk tali sitwazzjoni tistax tammonta għal arranġament ta' aġenzija jew prokura li jestendi lil hinn minn proprjetà korporattiva ordinarja, li sussegwentement taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-projbizzjoni.

[4] Sentenza tal-10 ta' Settembru 2014, Ben Alaya (C-491/13, EU:C:2014:2187, punt 22 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[5] Ara s-sentenza tat-22 ta' Ġunju 2021, Latvijas Republikas Saeima (Punti ta' penalità) (C-439/19, EU:C:2021:504, punt 81 u l-ġurisprudenza ċċitata).

19. L-ewwel, għandi ninnota li paragun tal-verżjonijiet tal-lingwa differenti tal-Artikolu 5k(1)(c) tar-Regolament Nru 833/2014 jiżvela li l-kliem f'xi verżjonijiet jikkorrispondi mal-aġir "għal"[6], filwaqt li f'oħrajn jikkorrispondi għal aġir "f'isem"[7]. B'mod addizzjonali, il-kunċett ta' direzzjoni huwa preżenti f'xi verżjonijiet tal-lingwa[8], filwaqt li f'oħrajn huwa espress bħal "skont" jew "skont l-istruzzjonijiet ta'"[9]. Huwa pertinenti li jiġi nnotat li, filwaqt li din id-distinzjoni tista' tidher li hija ta' sinjifikat limitat, huwa ċar li l-kunċett ta' "direzzjoni" joffri gwida ġenerali, filwaqt li l-kelma "istruzzjonijiet" tindika forma ta' kontroll iktar preċiża u ddettaljata.

20. Il-paragun tal-verżjonijiet tal-lingwa diversi tal-Artikolu 5k(1)(c) tar-Regolament Nru 833/2014, b'mod partikolari fil-kliem użat sabiex tiġi deskritta r-relazzjoni ta' "f'isem entità […] jew skont id-direzzjoni tagħha", għalhekk juri ċertu grad ta' diverġenza lingwistika, b'xi verżjonijiet jirreferu għal azzjonijiet "f'isem" jew "skont l-istruzzjonijiet ta'".

21. It-tieni, fir-rigward tal-kelma "entità" fis-sens tal-Artikolu 5k(1)(c) tar-Regolament Nru 833/2014, għandu jiġi nnotat li, f'ċerti verżjonijiet tal-lingwa tat-testi legali tal-Unjoni, din hija użata speċifikament sabiex tirreferi għal persuni ġuridiċi[10]. Jekk din l-interpretazzjoni kellha tipprevali, sussegwentement ir-riferiment fl-Artikolu 5k(1)(c) għal "entità msemmija fil-punti (a) jew (b)" b'mod impliċitu jeskludi lill-persuni fiżiċi – jiġifieri, ċittadini Russi – imsemmija fil-punt (a). Bħala riżultat ta' dan, il-projbizzjoni stabbilita f'din id-dispożizzjoni ma tkunx tapplika għal kumpanniji li jaġixxu f'isem jew skont id-direzzjoni ta' ċittadini Russi, u b'dan il-mod tillimita l-kamp ta' applikazzjoni tar-restrizzjoni b'mod li tista' potenzjalment tippreġudika l-effettività tagħha (*effet utile*). Madankollu, fil-verżjonijiet tal-lingwa l-oħra tal-Unjoni, il-kelma "entità" hija użata b'mod usa' u tista' tinkludi b'mod kunċettwali kemm persuni fiżiċi kif ukoll persuni ġuridiċi[11].

22. Minħabba d-diverġenzi dwar kif jinftiehem il-kliem jew kif huwa applikat fil-verżjonijiet tal-lingwa differenti, interpretazzjoni letterali tal-Artikolu 5k(1)(c) tar-Regolament Nru 833/2014 ma hijiex konklużiva. Konsegwentement, ser nieħu interpretazzjoni kuntestwali ta' din id-dispożizzjoni, minħabba li r-regolament innifsu ma jipprevedix għal xi definizzjoni ta' x'jikkwalifika bħala "jaġixxu f'isem […] jew skont id-direzzjoni […]" ta' suġġett legali jew tal-kliem "entità msemmija fil-punti (a) jew (b)" tiegħu.

6 Mid-Daniż (*på vegne af*), mill-Olandiż (*namens of*), mill-Finlandiż (*yhteisön puolesta*), mill-Franċiż (*pour le compte [de]*), mit-Taljan (*per conto […] di*), mill-Ispanjol (*por cuenta […] de*). Anki jekk l-espressjoni Pollakka (*w imieniu*) u Rumena (*în numele)* ifissru letteralment "f'isem", huma użati bil-konnotazzjoni ta' "għal" fil-lingwi rispettivi tagħhom.

7 Mill-Estonjan (*üksuse nimel*), mill-Ġermaniż (*im Namen*), mill-Grieg (*εξ ονόματος*), mill-Ungeriż *(névében*), mil-Latvjan (vārdā), mill-Portugiż (*em nome*) u mis-Slovakk (v mene).

8 Fil-verżjoni Estonjana (*või juhtimisel*), Finlandiża (*johdolla*), Ungeriża (*irányítása szerint*), Taljana (*sotto la direzione*), Latvjana (*norādēm*), Pollakka (*pod kierunkiem*), Portugiża (*sob a direção*) u Spanjola (*bajo la dirección*), il-kunċett ta' "skont id-direzzjoni" jipprevali.

9 Fil-verżjoni Daniża (*efter anvisning fra)*, Olandiża (*aanwijzing van*), Franċiża (*selon les instructions de*), Ġermaniża (*auf Anweisung*), Rumena (*în conformitate cu instrucțiunile*) u Slovakka (*na základe pokynov*)„ il-kunċett li wieħed jaġixxi "skont l-istruzzjonijiet" huwa espress. Il-verżjoni Griega (*κατ' εντολή)* hija qrib tal-kunċett tal-aġir "skont l-ordni ta'".

10 F'xi lingwi tal-Unjoni, il-kelma hija assoċjata ma' persuni ġuridiċi u xi drabi anki teskludi b'mod kunċettwali lill-persuni fiżiċi, bħal dik Daniża (*enhed*), Ġermaniża (*Organisation*), Ungeriża (*szervezet*), Latvjana (*vienība*) u Rumena (*entitate*) u. Bl-Estonjan (*üksus*), il-kelma użata għall-"entità" ma tinkludix persuni fiżiċi (*isik*). Il-kelma Finlandiża (*yhteisö*) tista' tindika grupp ta' persuni fiżiċi li għandhom skop komuni jew li jiġu minn xulxin, jew għal persuni ġuridiċi, iżda mhux għal persuni fiżiċi bħala individwi. Bil-Portugiż, il-kelma (*entidade*) tiddeskrivi biss persuni ġuridiċi.

11 Il-kunċett ta' "*entity*" bl-Ingliż, bil-Franċiż (*entité*), bil-Grieg (*οντότητα)*, bit-Taljan (*entità*), bil-Pollakk (*podmiot*) u bis-Slovakk (*subjekt*) b'mod kunċettwali jinkludi kemm il-persuni ġuridiċi kif ukoll persuni fiżiċi, għalkemm jintuża l-iktar sabiex jiddeskrivi lill-persuni ġuridiċi.

B. Interpretazzjoni kuntestwali

23. Fl-istruttura interna tal-Artikolu 5k(1) tar-Regolament Nru 833/2014, il-punt (c) jidher wara l-punti (a) u (b), li t-tnejn li huma jistabbilixxu projbizzjonijiet speċifiċi dwar il-parteċipazzjoni fil-proċeduri ta' għoti ta' kuntratti pubbliċi mis-suġġetti legali Russi jew dawk li huma proprjetà tagħhom.

24. L-Artikolu 5k(1)(a) tar-Regolament Nru 833/2014 b'mod espliċitu jipprojbixxi l-għoti jew it-tkomplija tal-eżekuzzjoni ta' kuntratt pubbliku jew ta' konċessjoni ma' ċittadin Russu, persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp stabbiliti fir-Russja, sabiex ma jkunux jistgħu ikunu l-offerenti magħżula.

25. L-Artikolu 5k(1)(b) tar-Regolament Nru 833/2014 jestendi l-projbizzjoni sabiex tkopri persuna ġuridika, entità jew korp li iktar minn 50 % tad-drittijiet proprjetarji tagħha huma, direttament jew indirettament, ta' entità msemmija fil-punt (a) ta' dak il-paragrafu. Kjarament, punt (b) huwa intiż li jipprevjeni li ma tiġix evitata l-miżura indikata fil-punt (a) bil-projbizzjoni tal-użu ta' entitajiet stabbiliti barra mir-Russja li huma, fil-fatt, proprjetà ta' suġġett legali li huwa kopert mill-projbizzjoni stabbilita fil-punt (a) tiegħu. Minn din il-perspettiva, li tiġi interpretata l-kelma "entità" fil-punt (b) fis-sens li teskludi lil persuni fiżiċi, tmur kontra l-għan tad-dispożizzjoni. Tali interpretazzjoni toħloq *lacuna* mhux iġġustifikata, li tippermetti liċ-ċittadini Russi sabiex jevadu l-projbizzjoni billi jkollhom ishma ta' kontroll f'entitajiet barranin, li sussegwentement iddgħajjef l-effettività (*effet utile*) tal-miżura restrittiva.

26. B'mod simili, l-għan tal-Artikolu 5k(1)(c) tar-Regolament Nru 833/2014 huwa li jwaqqaf l-evitar tal-punti (a) u (b) f'sitwazzjonijiet fejn persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp ma jkunux koperti direttament mill-projbizzjonijiet stabbiliti f'dawn iż-żewġ punti.

27. Is-sekwenza tal-punti minn (a) sa (c) tal-Artikolu 5k(1) tar-Regolament Nru 833/2014 tissuġġerixxi struttura gradwata: punt (a) jistabbilixxi projbizzjoni diretta; punt (b) jestendi din il-projbizzjoni għal entitajiet suġġetti għal kontroll indirett permezz ta' sjieda maġġoritarja; u punt (c) jopera bħala klawżola residwali jew "li tkopri kollox", imfassla sabiex twaqqaf l-evitar permezz ta' arranġamenti legali jew fattwali oħrajn fejn kontroll *de facto* jiġi eżerċitat mis-suġġetti legali elenkati fil-punt (a) jew (b) tal-paragrafu. Il-pożizzjoni kuntestwali tal-punt (c) għalhekk tindika r-rwol tiegħu komplementari u protettiv, jiġifieri, sabiex jelimina *lacunae* potenzjali u jsaħħaħ l-effettività tal-projbizzjonijiet stabbiliti fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 5k(1) ta' dan ir-regolament. Għalhekk, il-punt (c) tal-Artikolu 5k(1) jeħtieġ interpretazzjoni usa' minn dawk li jissuġġerixxu l-punti (a) u (b) waħedhom, sabiex jinqabdu arranġamenti evażivi li, filwaqt li formalment ma jaqgħux fi ħdan dawn iż-żewġ punti, jiksbu l-istess riżultati pprojbiti, jiġifieri, li jippermettu l-għoti jew it-tkomplija tal-eżekuzzjoni ta' kuntratti pubbliċi ma' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi li huma, essenzjalment, ikkontrollati mis-suġġetti legali koperti mill-ewwel żewġ punti, anki jekk huwa possibbli li formalment ma jissodisfawx il-kriterji stabbiliti fih.

28. B'mod iktar speċifiku, fir-rigward tal-kliem "entità msemmija fil-punti (a) jew (b)", għandu jiġi nnotat li, billi jiġu estiżi l-projbizzjonijiet għal offerenti li iktar minn 50 % tad-drittijiet proprjetarji tagħhom huma, direttament jew indirettament, minn "entità msemmija fil-punt (a)", punt (b) tal-Artikolu 5k(1) jiżgura li l-projbizzjonijiet ma humiex limitati għal operaturi formalment identifikati, iżda jkopru wkoll lil dawk li għandhom rabtiet ekonomiċi u legali sinjifikattivi

magħhom. Dan isostni l-interpretazzjoni li l-kelma "entità" fis-sens tal-Artikolu 5k(1)(c) tar-Regolament Nru 833/2014 għandha tinftiehem b'mod funzjonali u usa', iktar milli b'mod limitat, sabiex tiġi ppreservata l-effettività (*effet utile*) ta' din il-projbizzjoni.

29. F'dan ir-rigward, huwa importanti li jiġi nnotat li punt (a) tal-Artikolu 5k(1) tar-Regolament Nru 833/2014 b'mod espliċitu jirreferi kemm għal persuni fiżiċi ("ċittadini Russi") u kif ukoll għal persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fir-Russja. Punt (b), sussegwentement, ikopri suġġetti legali li huma ta' entitajiet imsemmija fil-punt (a), li għalhekk jirtu l-istess firxa ta' suġġetti legali. Għaldaqstant, ir-riferiment, fil-punt (c), għal "entità msemmija fil-punti (a) jew (b)" għandu jinftiehem fis-sens li jinkludi s-suġġetti legali kollha koperti fil-punti (a) u (b), inkluż persuni fiżiċi, persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi. Li tinqara "entità" fil-punt (c) b'mod strett fis-sens li teskludi lill-persuni fiżiċi tintroduċi limitazzjoni artifiċjali li ma hijiex ibbażata fl-istruttura jew il-loġika tad-dispożizzjoni.

30. Li kieku l-Artikolu 5k(1)(c) tar-Regolament Nru 833/2014 kellu jiġi interpretat fis-sens li jirreferi biss għal entità stabbilita fir-Russja, fis-sens strett użat fil-punt (a) *in fine*, jiddgħajjef l-għan ta' punt (c) "li jkopri kollox". Tali qari jeskludi każijiet li fihom jingħata kuntratt pubbliku lil entità *effettivament* ikkontrollata minn ċittadini, residenti, persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi Russi iżda fejn ma hemm l-ebda sjieda maġġoritarja – sussegwentement tippermetti l-evitar tal-għanijiet tal-projbizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5k(1) permezz ta' arranġamenti indiretti. Minn dan isegwi li l-punt (c) ta' dak il-paragrafu huwa intiż speċifikament sabiex jelimina tali *lacunae* u jwaqqaf l-evitar tal-projbizzjonijiet stabbiliti fil-punti (a) u (b) tiegħu.

31. Fir-rigward tal-espressjoni "f'isem […] jew skont id-direzzjoni tagħha", jiena nsostni li punt (c) tal-Artikolu 5k(1) tar-Regolament Nru 833/2014 ma jeħtieġx sjieda maġġoritarja jew kontroll formali minn entità msemmija fil-punt (a) jew (b). Minflok, punt (c) ikopri sett usa' ta' relazzjonijiet ibbażati fuq influwenza funzjonali jew fattwali ("kontroll *de facto*"). L-istruttura korporattiva ssir rilevanti ħafna f'dan ir-rigward: filwaqt li l-bord tad-diretturi huwa ġeneralment fdat sabiex jistabbilixxi d-direzzjoni strateġika tal-kumpannija u jeżerċita funzjonijiet ta' tmexxija ta' livell għoli, id-direttur maniġerjali jista' jkollu kontroll operattiv fuq l-attivitajiet ta' kuljum. Fl-istess ħin, is-soċji – f'ċerti strutturi korporattivi – iżommu s-setgħa li jfasslu jew jannullaw il-politika korporattiva. Għaldaqstant, id-determinazzjoni dwar jekk suġġett legali huwiex "jaġixxi f'isem […] jew skont id-direzzjoni […]" ta' xi ħaddieħor fis-sens tal-Artikolu 5k(1)(c) teħtieġ eżami tad-distribuzzjoni effettiva ta' influwenza u ta' awtorità deċiżjonali fi ħdan il-grupp, iktar milli jiġu invokati b'mod formalistiku it-titoli tal-impjieg jew il-forma korporattiva.

32. F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li l-qafas ta' governanza korporattiva madwar l-Istati Membri jista' jkun differenti fl-istruttura, iżda tipikament jinvolvi tliet korpi ewlenin: soċji, korp superviżorju jew konsultattiv (bħal kunsill jew bord superviżorju), u bord ta' tmexxija, bi rwoli distinti assenjati lil kull wieħed minnhom. L-assemblea tas-soċji ġeneralment tikkostitwixxi l-korp sovran tal-kumpannija, responsabbli għad-deċiżjonijiet strutturali ewlenin bħall-ħatra u t-tkeċċija tad-diretturi, l-approvazzjoni tal-kontijiet annwali, u l-emenda tal-istatuti tal-kumpannija. F'ġurisdizzjonijiet b'sistema doppja, bord superviżorju jipprovdi ħarsien u direzzjoni strateġika, filwaqt li bord tat-tmexxija huwa responsabbli għall-operat ta' kuljum u għall-implimentazzjoni tal-politika tal-kumpannija. F'sistemi ta' bord unitarju, dawn il-funzjonijiet huma amalgamati fi ħdan bord tad-diretturi waħdieni. Fiż-żewġ sistemi, diretturi, inkluż diretturi maniġerjali, jistgħu jkunu fdati b'setgħat delegati sabiex imexxu operat ta' kuljum

u jirrappreżentaw lill-kumpannija esternament [12].

33. Isegwi minn dan li anki fl-assenza tas-sjieda maġġoritarja jew kontroll legali formali, kumpannija xorta waħda tista' taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 5k(1)(c) tar-Regolament Nru 833/2014 jekk hija taġixxi mil-lat funzjonali, mil-lat operattiv u mil-lat ekonomiku bħala prokuratriċi għal, skont l-istruzzjonijiet jew id-direzzjonijiet ta', ċittadin Russu, jew persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp kif imsemmija fil-punt (a) jew (b) ta' dak l-Artikolu 5k(1). Fi kliem ieħor, il-punt (c) għandu jiġi interpretat fis-sens li jinkludi sitwazzjonijiet fejn persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp għandhom konnessjoni sostantiva – inkluż permezz ta' kontroll maqsum, dipendenza ekonomika, jew subordinazzjoni funzjonali – ma' suġġetti legali elenkati skont il-punt (a) jew (b). Għalhekk, fejn sussidjarja jew impriża oħra relatata taġixxi f'isem jew skont id-direzzjoni ta' tali suġġett legali, anki fl-assenza ta' sjieda maġġoritarja formali, tista' taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-projbizzjoni. Din l-interpretazzjoni hija konsistenti mal-għan kontra l-evitar tal-Artikolu 5k(1)(c) tar-Regolament Nru 833/2014, li għandu l-iskop li jevita l-evażjoni indiretta jew *de facto* tar-restrizzjonijiet ewlenin.

34. Għalhekk, jiena tal-fehma li l-Artikolu 5k(1)(c) jinkludi arranġamenti lil hinn minn sjieda maġġoritarja jew kontroll formali. Sabiex tiġi żgurata l-effettività (*effet utile*) ta' dan ir-regolament, din id-dispożizzjoni għandha tiġi interpretata fis-sens li tinkludi aġir li juri li persuna ġuridika, entità jew korp qegħdin jaġixxu taħt kontroll *de facto* ta' entità msemmija fil-punt (a) jew (b), anki fl-assenza ta' sjieda maġġoritarja jew kontroll legali formali.

35. Fir-rigward tal-espressjoni "entità msemmija fil-punti (a) jew (b)" flimkien ma' partijiet oħrajn tar-Regolament Nru 833/2014, għandu jiġi osservat li dan ir-regolament jagħmel riferiment għal persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi, filwaqt li xi drabi jiddistingwi lill-persuni fiżiċi minn persuni ġuridiċi [13]. Madankollu, l-assenza ta' aċċenn espliċitu għal persuni fiżiċi jew ġuridiċi jew korpi fl-espressjoni "entità msemmija fil-punti (a) jew (b)" fl-Artikolu 5k(1)(c) tar-Regolament Nru 833/2014 ma teskludix dawn is-suġġetti legali mill-kamp ta' applikazzjoni tiegħu. Għall-finijiet ta' din id-dispożizzjoni, l-interpretazzjoni tal-kelma "entità" fis-sens li tinkludi persuni fiżiċi u ġuridiċi, kif ukoll korpi, tiżgura li l-projbizzjonijiet ma jkunux jistgħu jiġu evitati permezz tal-użu ta' persuni li, għalkemm huma nnifishom ma humiex entitajiet ġuridiċi formali, mil-lat funzjonali jaġixxu f'isem jew skont id-direzzjoni ta' dawk l-entitajiet koperti skont l-Artikolu 5k(1)(a) jew (b) tar-Regolament Nru 833/2014 – indipendentement minn jekk dawn id-direzzjonijiet joriġinawx minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi. F'dan ir-rigward, kemm l-operatur kif ukoll is-sors ta' direzzjoni jistgħu jkunu persuni fiżiċi jew ġuridiċi jew korp, li jirrifletti l-istruttura tad-dispożizzjoni, li deliberatament tinkludi firxa wiesgħa ta' suġġetti legali billi tindika "persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp". Għalhekk, għall-finijiet tal-Artikolu 5k(1)(c) tar-Regolament Nru 833/2014, qari restrittiv li jeskludi persuni fiżiċi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-kelma "entità" jikkompromett l-effettività (*effet utile*) ta' din id-dispożizzjoni.

[12] Ara, b'analoġija, is-sentenza tat-12 ta' Lulju 2018, The Goldman Sachs Group vs Il-Kummissjoni (T-419/14, EU:T:2018:445, punti 91 u 112). Filwaqt li għamlet evalwazzjoni tal-influwenza deċiżiva għall-finijiet tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni skont l-Artikolu 101 TFUE, il-Qorti Ġenerali tenfasizza li s-setgħa tas-soċji sabiex jaħtru l-membri ta' bord tad-diretturi ta' kumpannija hija rrikonoxxuta bħala indikatur fundamentali ta' kontroll, u tibbaża lilha nnifisha fuq din l-istruttura sabiex teżamina l-potenzjal ta' kumpannija omm li tinfluwenza l-aġir tas-sussidjarja. Għalhekk, il-qafas ta' governanza jipprovdi l-bażi legali u fattwali għall-evalwazzjoni tal-kontroll u influwenza, u jrendih direttament rilevanti fid-determinazzjoni tar-responsabbiltà tal-kumpannija omm skont ir-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni.

[13] Ara, pereżempju, l-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 833/2014.

36. Dan il-qari wiesa' huwa sostnut bil-premessa 4 tar-Regolament 2022/576, li tagħmilha ċara li l-emendi huma intiżi li jipprojbixxu "milli jingħataw u jkomplu jitwettqu kuntratti u konċessjonijiet pubbliċi ma' ċittadini Russi u ma' entitajiet jew korpi stabbiliti fir-Russja". Kliem simili jinsab fil-premessa 6 tad-Deċiżjoni (PESK) 2022/578[14], adottata fl-istess ġurnata, li tenfasizza l-istess għan ta' politika espansiva. Dawn l-elementi kuntestwali jikkonfermaw li punt (c) tal-Artikolu 5k(1) tar-Regolament Nru 833/2014 kien intiż li jaqbad arranġamenti li, filwaqt li ma jkunux koperti formalment mill-punt (a) jew (b) tal-Artikolu 5k(1), jiksbu l-istess riżultati pprojbiti permezz ta' kontroll korporattiv sostantiv jew maġġoranza benefiċjarja.

37. B'mod addizzjonali, meta l-Artikolu 5k(1)(c) ta' dan ir-regolament Nru 833/2014 jinqara flimkien ma' strumenti oħrajn fil-qasam ta' miżuri restrittivi, l-interpretazzjoni tal-kliem "jaġixxu f'isem jew skont id-direzzjoni tagħha" ssostni l-fehma li tinkludi firxa ta' relazzjonijiet usa' milli sempliċement dawk limitati għal sjieda formali jew kontroll korporattiv.

38. Fis-sentenza tagħha HTTS vs Il-Kunsill[15] pereżempju, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li, fil-kuntest tar-Regolament (UE) Nru 961/2010[16], il-kunċetti ta' "huma l-proprjetà ta' […] jew huma kkontrollati" u "jaġixxu f'isem jew taħt id-direzzjoni" huma mqiegħda fuq l-istess livell fl-istruttura tal-Artikolu 16(2) ta' dan ir-regolament. Billi għamlet dan, il-Qorti tal-Ġustizzja adottat fehma wiesgħa tal-kamp ta' applikazzjoni tal-projbizzjoni inkwistjoni, li applikat għal kumpannija li tkun ikkontrollata jew tkun proprjetà ta' persuna jew entità ġuridika, billi inkludiet il-kunċett ta' aġir f'isem jew skont id-direzzjonijiet ta' din il-persuna jew entità, minkejja li ma tkunx stabbilita b'mod espliċitu fid-dispożizzjoni inkwistjoni. Fil-fehma tiegħi, tali interpretazzjoni għandha l-iskop li tiżgura l-effettività (*effet utile*) tal-miżuri restrittivi previsti fir-regolament, mingħajr osservanza stretta tad-definizzjoni użata fid-dritt nazzjonali għall-kwalifika tad-diretturi.

39. Interpretazzjoni ggwidata mill-prinċipju ta' effettività (*effet utile*), bħal dik issuġġerita fil-punt 34 ta' dawn il-konklużjonijiet, teħtieġ analiżi ta' numru ta' fatturi, inkluż l-identità ta' dawk li effettivament għandhom kontroll fuq l-offerent magħżul. Meta jikkonkludu kontroll *de facto*, l-awtoritajiet għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi differenti fattwali, bħall-preżenza ta' ishma minoritarji, rabtiet personali bejn diretturi u sidien benefiċjarji u forom ta' koordinazzjoni f'attività tan-negozju[17]. Dan jimxi mal-għan kontra l-evitar ta' miżuri restrittivi, kif ukoll rifless fl-Artikolu 12 tar-Regolament Nru 833/2014, li jipprojbixxi l-parteċipazzjoni fl-attivitajiet intiżi li jevitaw miżuri restrittivi[18].

40. Bħala konklużjoni, l-interpretazzjoni kuntestwali tal-Artikolu 5k(1)(c) tar-Regolament Nru 833/2014 tikkonferma li l-għan primarju tiegħu huwa li jwaqqaf l-evitar tal-projbizzjonijiet stabbiliti fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 5k(1). Moqri fid-dawl tal-Artikolu 12 ta' dan ir-regolament, li b'mod espliċitu jipprojbixxi l-parteċipazzjoni, konxjament u intenzjonalment, f'attivitajiet li għandhom l-effett li jevitaw, l-Artikolu 5k(1)(c) għandu jinftiehem bħala salvagwardja neċessarja sabiex jiġu żgurati l-koerenza u l-effettività (*effet utile*)

[14] Deċiżjoni tal-Kunsill tat-8 ta' April 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU 2022, L 111, p. 70).

[15] Sentenza tal-10 ta' Settembru 2019, HTTS vs Il-Kunsill (C-123/18 P, EU:C:2019:694, punt 79).

[16] Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 961/2010 tal-25 ta' Ottubru 2010 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 423/2007 (ĠU 2010, L 281, p. 1).

[17] Ara l-Opinjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Ottubru 2019 dwar l-Artikolu 5(1) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014, C(2019) 7476 final, fejn il-Kummissjoni qieset ukoll li huwa xieraq li tanalizza l-istruttura tas-sjieda u tal-kontroll.

[18] Ara wkoll id-Direttiva (UE) 2024/1226 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' April 2024 dwar id-definizzjoni ta' reati kriminali u ta' penali għall-ksur ta' miżuri restrittivi tal-Unjoni u li temenda d-Direttiva (UE) 2018/1673 (ĠU L 2024/1226), li tistabbilixxi regoli minimi li jikkonċernaw id-definizzjoni ta' reati kriminali u penali għall-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni. Skont l-Artikolu 3(1)(h) ta' din id-direttiva, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-evitar ta' miżura restrittiva tal-Unjoni tikkostitwixxi reat kriminali.

tal-miżuri restrittivi[19] fil-konfront ta' sjieda jew strutturi organizzazzjonali kumplessi. Din il-konklużjoni hija sostnuta, fil-fehma tiegħi, minn interpretazzjoni teleoloġika tal-aħħar dispożizzjoni.

C. Interpretazzjoni teleoloġika

41. Ir-Regolament Nru 833/2014, bħala parti mis-sistema ta' miżuri restrittivi tal-Unjoni[20] huwa intiż sabiex jirrispondi għall-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw lil Ukraina billi jimponi projbizzjonijiet effettivi u infurzabbli – partikolarment f'oqsma sensittivi bħall-kuntratti pubbliċi[21]. Filwaqt li l-Artikolu 5k(1) ta' dan ir-regolament ifittex li jeskludi l-influwenza Russa fil-kuntratti pubbliċi tal-Unjoni, l-għan fundamentali tiegħu huwa li jevita li entitajiet marbuta mar-Russja jibbenefikaw ekonomikament mill-proċeduri ta' kuntratti pubbliċi tal-Istati Membri. Dan jikkorrispondi mal-għan usa' tas-sanzjonijiet: sabiex jitnaqqsu r-riżorsi finanzjarji disponibbli għall-Istat jew l-ekonomija Russa, speċjalment fil-kuntest ta' tensjonijiet ġeopolitiċi. Billi jiġu eskluži tali entitajiet mill-opportunitajiet ta' kuntratti pubbliċi, l-Unjoni mhux biss twarrab l-influwenza iżda wkoll taqta' flussi ta' dħul potenzjali li jistgħu jsostnu lill-ekonomija jew lill-ħiliet militari Russi.

42. Interpretazzjoni stretta tal-Artikolu 5k(1)(c) tar-Regolament Nru 833/2014 iddgħajjef dawn l-għanijiet billi tippermetti lil entitajiet sabiex jistrutturaw tranżazzjonijiet b'mod li formalment jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-punti (a) u (b) tal-Artikolu 5k(1), filwaqt li essenzjalment jiksbu l-istess riżultat li dawn id-dispożizzjonijiet ifittxu li jipprevjenu. F'dan ir-rigward, filwaqt li huwa minnu li miżuri restrittivi għandhom jiġu interpretati b'mod strett minħabba r-restrizzjonijiet tagħhom fuq id-drittijiet fundamentali[22], dan ma jipprekludix interpretazzjoni usa' ta' kliem speċifiku ta' dispożizzjoni fejn tali interpretazzjoni hija neċessarja sabiex twaqqaf l-evitar tal-projbizzjonijiet stabbiliti fil-punti preċedenti u tissalvagwardja l-effettività (*effet utile*) tagħhom[23].

43. Tali interpretazzjoni wiesgħa tal-Artikolu 5k(1)(c) tar-Regolament Nru 833/2014 ma hijiex iddubitata fis-sentenza reċenti Jemerak[24], fejn il-Qorti tal-Ġustizzja adottat fehma stretta tal-Artikolu 5n(2)(b) ta' dan ir-regolament dwar il-projbizzjoni tal-għoti dirett jew indirett ta' servizzi ta' konsulenza legali, speċifikament fil-kuntest tar-rwol formali ta' awtentifikazzjoni notarili. Għall-kuntrarju, l-Artikolu 5k(1)(c) tiegħu huwa salvagwardja kontra l-evitar intiż li jaqbad arranġamenti li, filwaqt li ma humiex koperti b'mod espliċitu mill-punt (a) jew (b)

[19] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' Marzu 2017, Rosneft (C-72/15, EU:C:2017:236, punt 132).

[20] Id-Deċiżjoni 2022/578 u r-Regolament 2022/576 kienu t-tnejn li huma parti mill-ħames sett ta' miżuri restrittivi adottati mill-Unjoni kontra r-Russja, li l-għan tagħhom kien sabiex jikkontribwixxu għaż-żieda fil-pressjoni ekonomika fuq il-Kremlin u sabiex idgħajfu l-abbiltà tagħha li tiffinanzja l-invażjoni tal-Ukraina, billi jintroduċu miżuri usa' sabiex iżidu l-impatt fuq l-ekonomija Russa.

[21] Ara l-premessa 6 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2022/578, li torbot il-gravità tas-sitwazzjoni mal-introduzzjoni ta' miżuri restrittivi ulterjuri fir-rigward tal-kuntratti pubbliċi. Kif sostnut, essenzjalment, minn Opera Laboratori Fiorentini fis-seduta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, l-intenzjoni tal-leġiżlatur tal-Unjoni, kif riflessa f'dik il-premessa 6, hija intiża li tespandi l-applikazzjoni tal-projbizzjoni tal-kuntratti pubbliċi sabiex twaqqaf il-parteċipazzjoni indiretta minn interessi Russi ssanzjonati. L-Artikolu 5k(1)(c) tar-Regolament Nru 833/2014 għandu għalhekk jinftiehem bħala dispożizzjoni funzjonali u kontra l-evitar, skont l-evalwazzjoni tat-theddida li tevolvi.

[22] Kif iddikjarat mill-Gvern Taljan, l-Artikolu 5k(1) tar-Regolament Nru 833/2014 jikkostitwixxi restrizzjoni fuq il-libertà ta' intrapriża skont l-Artikolu 16 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Madankollu, għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet b'mod kostanti li dan id-dritt *inter alia* ma huwiex assolut u jista' jkun ristrett fl-interess pubbliku, b'mod partikolari għall-finijiet tal-kisba ta' għanijiet leġittimi ta' interess ġenerali rrikonoxxuti mill-Unjoni (ara s-sentenzi tal-21 ta' Diċembru 2021, Bank Melli Iran, C-124/20, EU:C:2021:1035, punt 80, u tat-28 ta' Marzu 2017, Rosneft, C-72/15, EU:C:2017:236, punt 148).

[23] Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-21 ta' Diċembru 2011, Afrasiabi *et* (C-72/11, EU:C:2011:874, punti 39, 40 u 47); u tal-11 ta' Novembru 2021, Bank Sepah (C-340/20, EU:C:2021:903, punti 45 u 56); u l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bot f'Afrasiabi *et* (C-72/11, EU:C:2011:737, punt 77).

[24] Sentenza tal-5 ta' Settembru 2024, Jemerak (C-109/23, EU:C:2024:681, punt 47).

tal-Artikolu 5k(1), madankollu jdgħajfu l-effettività (*effet utile*) tal-projbizzjonijiet stabbiliti fih. Bħala tali, huwa jeħtieġ interpretazzjoni wiesgħa, konsistenti mal-għan u mal-kuntest distinti tiegħu. Minħabba d-diverġenzi fl-għanijiet taż-żewġ dispożizzjonijiet – wieħed li jipprojbixxi s-servizzi ta' konsulenza legali, u l-ieħor jipprojbixxi l-parteċipazzjoni fil-kuntratti pubbliċi – interpretazzjoni usa' tal-Artikolu 5k(1)(c) tar-Regolament Nru 833/2014 ma hijiex inkonsistenti ma' din is-sentenza, iżda minflok, tenfasizza l-approċċ speċifiku fuq is-settur ta' dan ir-regolament u r-rwol speċifiku tad-dispożizzjoni f'dan ir-regolament.

44. Madankollu, l-Artikolu 5k(1)(c) tar-Regolament Nru 833/2014 ma huwiex intiż li jimponi esklużjoni ġenerali jew awtomatika fuq il-bażi biss tan-nazzjonalità Russa tad-diretturi tal-kumpannija. Minflok, l-għan tiegħu huwa li jaqbad sitwazzjonijiet ekwivalenti mil-lat funzjonali fejn l-operaturi, indipendentement mill-inkorporazzjoni formali tagħhom jew indipendenza ddikjarata, huma fil-prattika joperaw f'isem jew skont id-direzzjoni ta' suġġetti legali li jaqgħu fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu, jiġifieri, ċittadini Russi jew entitajiet stabbiliti fir-Russja jew proprjetà ta' ċittadini Russi. Fi kliem ieħor, l-għan tal-Artikolu 5k(1)(c) tar-Regolament Nru 833/2014 huwa li jissalvagwardja l-effettività tal-projbizzjonijiet skont dawk il-punti (a) u (b) u sabiex jelimina *lacunae* potenzjali fl-applikazzjoni tagħhom. Għalhekk, interpretazzjoni wiesgħa tal-Artikolu 5k(1)(c) ma hijiex biss xierqa iżda hija anki neċessarja sabiex iżżomm l-effettività (*effet utile*) tal-miżuri inkwistjoni [25]. Li kieku dik id-dispożizzjoni kellha tiġi interpretata b'mod indebitament strett, din kienet tippermetti l-evażjoni permezz ta' arranġamenti formalistiċi jew indiretti. B'mod partikolari fejn ċittadini Russi, speċjalment fi rwoli ta' diretturi ta' kumpannija, qegħdin jaġixxu b'mod li jimplimentaw ir-rieda jew l-interessi ta' entità koperta fil-punt (a) jew (b) tal-Artikolu 5k(1), huma jistgħu jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-projbizzjoni. Dan l-approċċ jirrifletti kemm l-ittra kif ukoll l-ispirtu tar-regolament, u jiżgura li ma jkunx jista' jiġi evitat permezz ta' teknikalitajiet fil-governanza korporattiva. Għalhekk, is-sempliċi preżenza ta' ċittadini Russi, bħal diretturi, ma hijiex suffiċjenti minnha nnifisha sabiex jiskattaw il-projbizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5k(1) tar-Regolament Nru 833/2014. Madankollu, jekk hemm indikazzjonijiet speċifiċi ta' aġenzija jew direzzjoni li jipprovaw li l-offerent qiegħed jaġixxi f'isem jew skont id-direzzjoni ta' entità suġġetta għal projbizzjoni skont il-punt (a) jew (b), sussegwentement punt (c) isir applikabbli. Għal darba oħra, din il-fehma wiesgħa tal-kunċett ta' "entità" tfittex li tippreserva l-effettività (*effet utile*) ta' din il-projbizzjoni, sabiex issir diffiċli li tiġi evitata.

45. Barra minn hekk, għalkemm għan ċentrali ta' Regolament Nru 833/2014 huwa dak li jiġi evitat ir-riskju ta' kontribuzzjoni għall-miżuri Russi ta' gwerra, l-Artikolu 5k(1)(c) tiegħu ma jistax jiġi interpretat fis-sens li jillimita l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu biss għal sitwazzjonijiet fejn hija probabbli jew ipprovata l-kontribuzzjoni materjali għal dawn il-miżuri. Minħabba li din id-dispożizzjoni għandha l-iskop li twaqqaf l-evitar tal-projbizzjonijiet stabbiliti fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 5k(1), u tagħmel dan billi timmira l-arranġamenti li jinvolvu suġġett legali li jaġixxi "f'isem […] jew skont id-direzzjoni […]" ta' dawk koperti minn dawn il-projbizzjonijiet, l-Artikolu 5k(1)(c) ta' dan ir-regolament għaldaqstant jadotta approċċ preventiv, li jfittex li jeskludi mill-kuntratti pubbliċi mhux biss lil persuni, entitajiet jew korpi formalment proprjetà ta' jew ikkontrollati minn atturi Russi, iżda wkoll dawk li, fil-prattika, joperaw taħt il-kontroll ta' persuni, entitajiet jew korpi marbuta mar-Russja. Filwaqt li riskju pprovat ta' fondi li qegħdin jintużaw sabiex isostnu l-aggressjoni militari tar-Russja jista' jservi ta' prova konvinċenti ta' tali rabta, ma huwiex element kostituttiv tat-test legali skont l-Artikolu 5k(1)(c)

[25] Sentenza tat-28 ta' Marzu 2017, Rosneft (C-72/15, EU:C:2017:236, punt 132).

tar-Regolament Nru 833/2014. Din id-dispożizzjoni għalhekk topera irrispettivament mill-użu finali effettiv tal-fondi, li tirrifletti l-għan ta' dan ir-regolament ta' salvagwardja tal-effettività (*effet utile*) tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni.

D. Konklużjoni intermedjarja

46. Il-kwistjoni prinċipali skont l-Artikolu 5k(1)(c) tar-Regolament Nru 833/2014 ma hijiex biss is-sors legali formali ta' awtorità, iżda aħjar jekk l-effett sostantiv tal-arranġament huwa li l-kumpannija qiegħda taġixxi f'isem jew skont id-direzzjoni ta' ċittadin Russu, jew persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp imsemmija fl-Artikolu 5k(1)(a) jew (b). Anki fejn huma possibbilment ma jkollhomx riskji ta' sjieda formali, ċittadini Russi f'pożizzjonijiet prinċipali ta' tmexxija jistgħu jkunu fdati bit-twettiq ta' deċiżjonijiet strateġiċi li jikkorrispondu mal-interessi tal-Gvern jew persuni Russi li jaqgħu taħt il-miżuri restrittivi tal-Unjoni. Din il-possibbiltà hija kkontemplata b'mod espliċitu fl-Artikolu 5k(1)(c), li jwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-esklużjoni mill-kuntratti pubbliċi sabiex tinkludi wkoll persuni, entitajiet, jew korpi li jaġixxu f'isem jew skont id-direzzjoni ta' suġġetti legali msemmija fl-Artikolu 5k(1)(a) u (b). Għal dawn il-finijiet, approċċ formalistiku jkun insuffiċjenti, minħabba li l-għan tad-dispożizzjoni huwa li jwaqqaf l-evitar ta' projbizzjonijiet imposti skont dawk il-punti. L-applikazzjoni tal-Artikolu 5k(1)(c) għalhekk teħtieġ analiżi fattwali li tmur lil hinn mill-formalità korporattiva.

47. Madankollu, huwa importanti li jiġi nnotat li l-Artikolu 5k(1)(c) tar-Regolament Nru 833/2014 ma huwiex intiż li jimponi esklużjoni ġenerali jew awtomatika bbażata fuq in-nazzjonalità Russa ta' direttur ta' kumpannija. Minflok, l-għan tiegħu huwa li jaqbad sitwazzjonijiet ta' funzjoni ekwivalenti fejn operaturi, indipendentement mill-inkorporazzjoni formali jew indipendenza ddikjarata tagħhom, huma *de facto* qegħdin joperaw f'isem jew skont id-direzzjoni ta' suġġetti legali mmirati skont il-punti (a) u (b) tal-Artikolu 5k(1), jiġifieri, ċittadini Russi jew entitajiet stabbiliti fir-Russja jew proprjetà taċ-ċittadini Russi. Minħabba li l-espressjoni "f'isem […] jew skont id-direzzjoni […]" fis-sens ta' punt (c) tal-Artikolu 5k(1) tkopri sitwazzjonijiet fejn suġġett legali jaġixxi skont kontroll *de facto* ta' terzi, hija teħtieġ analiżi ta' numru ta' fatturi, inkluż l-identità ta' dawk li effettivament jikkontrollaw lill-offerent. Tali determinazzjoni teħtieġ evalwazzjoni każ b'każ kemm taċ-ċirkustanzi legali kif ukoll taċ-ċirkustanzi fattwali sabiex tistabbilixxi n-natura u l-mertu preċiżi tar-rabtiet rilevanti.

E. Evalwazzjoni individwali kemm taċ-ċirkustanzi legali kif ukoll taċ-ċirkustanzi fattwali

48. Kif iddikjarajt iktar 'il fuq [26], għall-finijiet ta' evalwazzjoni dwar jekk persuna, entità jew korp humiex qegħdin jaġixxu "f'isem […] jew skont id-direzzjoni […]" ta' ħaddieħor fis-sens tal-Artikolu 5k(1)(c) tar-Regolament Nru 833/2014, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi legali u fattwali potenzjalment rilevanti kollha li jindikaw kontroll *de facto* minn ċittadini Russi jew entitajiet stabbiliti fir-Russja jew proprjetà ta' ċittadini Russi. Kif il-Kummissjoni osservat fil-linji gwida tagħha, tali evalwazzjoni għandha tinkludi ċ-ċirkustanzi legali u fattwali rilevanti kollha bħas-sjieda u struttura ta' kontroll preċiżi tal-entità rilevanti; rabtiet personali u professjonali bejn il-persuni involuti; in-natura u l-għan tat-tranżazzjonijiet

[26] Ara l-punti 39 u 47 iktar 'il fuq.

inkwistjoni; l-aġir operattiv u maniġerjali tal-partijiet; provi ta' istruzzjonijiet jew distribuzzjoni ta' azzjonijiet ma' entitajiet issanzjonati; u żvelar minn terzi jew indikaturi kuntestwali oħrajn [27].

49. Isegwi minn dan li l-evalwazzjoni individwali mwettqa għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 5k(1)(c) tar-Regolament Nru 833/2014 għandha tinvolvi analiżi rfinuta, speċifika fuq il-fatti ta' kull każ sabiex tiddetermina jekk l-entità inkwistjoni hijiex qiegħda taġixxi effettivament skont kontroll ta' suġġett legali kopert minn punt (a) jew (b) tal-Artikolu 5k(1). Din l-evalwazzjoni għandha ssegwi approċċ ibbażat fuq riskju, li jfisser li awtoritajiet nazzjonali għandhom jistrieħu fuq sistema ta' indikaturi jew miri sabiex jidentifikaw kumpanniji li jistgħu jeħtieġu evalwazzjoni ulterjuri.

50. Kif diġà ddikjarajt preċedentement [28], il-kunċett "jaġixxu f'isem […] jew skont id-direzzjoni" għandu l-iskop li jindirizza kontroll *de facto* u indirett. Isegwi minn dan li n-nazzjonalità ta' direttur tista' tkun rilevanti fl-evalwazzjoni dwar jekk huwiex jaġixxi bħala prokuratur, iżda għandha titqies flimkien ma' ċirkustanzi fattwali oħrajn, li għandhom jiġu vverifikati mill-qorti nazzjonali bħar-rabtiet tad-diretturi ma' ċittadini Russu, jew persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fir-Russja, ir-rwol imħaddan fil-kumpannija, u l-istruttura korporattiva globali. F'dan ir-rigward, ir-rilevanza ta' nazzjonalità bħala kriterju hija msaħħa mill-fatt li l-Artikolu 5k(1)(c) tar-Regolament Nru 833/2014 jindika espliċitament entitajiet koperti minn punt (a), li jinkludi persuni fiżiċi li huma ċittadini Russi. Minħabba li punt (c) huwa intiż sabiex iwaqqaf l-evitar tal-projbizzjonijiet stabbiliti fil-punti (a) u (b), in-nazzjonalità Russa tad-direttur ma hijiex sempliċement inċidentali – hija potenzjalment indikatur sinjifikattiv li l-kumpannija tista' taġixxi f'isem jew skont id-direzzjoni ta' persuna suġġetta għar-restrizzjonijiet prinċipali tal-Artikolu 5k(1) tar-Regolament Nru 833/2014. Madankollu, mill-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 5k(1)(c) tar-Regolament Nru 833/2014, isegwi li, jekk id-diretturi tal-offerent huma ċittadini Russi, u l-kumpannija hija *de facto* kkontrollata minn entità Russa, sussegwentement il-kumpannija tista' tassew tkun qiegħda taġixxi "f'isem […] jew skont id-direzzjoni […]" ta' din l-entità. Għall-kuntrarju, ir-rilevanza tan-nazzjonalità ta' direttur skont l-Artikolu 5k(1)(c) tar-Regolament Nru 833/2014 għandha tkun limitata għal xenarji fejn id-direttur għandu setgħat li jmorru lil hinn minn dawk assoċjati mat-tmexxija ta' kuljum. B'mod iktar speċifiku, jekk id-direttur huwa sempliċement responsabbli għall-aspetti operattivi tal-kumpannija u jaġixxi skont id-direzzjoni ġenerali tas-soċji, mingħajr ma jeżerċita awtorità deċiżjonali strateġika jew kontroll fuq l-għanijiet usa' tal-kumpannija, min-nazzjonalità tiegħu ma għandhiex tiskatta evalwazzjoni ulterjuri. F'tali każijiet, ir-rwol tad-direttur huwa iktar simili għal dak ta' direttur intermedjarju, u l-azzjonijiet tal-kumpannija ma għandhomx awtomatikament jitqiesu fis-sens li qegħdin jiġu eżerċitati "f'isem […] jew skont id-direzzjoni […]" ta' ċittadin Russu, jew persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp kif imsemmija fil-punt (a) jew (b) ta' dak l-Artikolu 5k(1). Għalhekk, il-punt kruċjali għandu jkun dwar jekk id-direttur għandux kontroll sostanzjali jew awtorità deċiżjonali u jekk l-azzjonijiet tiegħu jestendux għall-influwenza tad-direzzjoni globali tal-kumpannija, fatturi li jistgħu jiġġustifikaw l-applikazzjoni tal-miżuri restrittivi. Din id-distinzjoni tiżgura li fil-mira tar-Regolament Nru 833/2014 jkun hemm individwi li jkunu tabilħaqq f'pożizzjoni li jeżerċitaw influwenza ġenwina.

[27] Ara wkoll il-verżjoni kkonsolidata tad-dokument tal-Kummissjoni bil-mistoqsijiet l-iktar frekwenti dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill Nru 883/2014 u tar-Regolament tal-Kunsill Nru 269/2014 tal-2022, b'mod partikolari, "Frequently asked questions on public procurement sanctions against Russia" (Verżjoni kkonsolidata tal-mistoqsijiet frekwenti dwar sanzjonijiet kontra r-Russja u l-Bjelorussja, link ivverifikat fis-7 ta' Mejju 2025). Din il-gwida tispjega li d-determinazzjoni dwar jekk entità taġixxix "f'isem […] jew skont id-direzzjoni […]" ħaddieħor għall-finijiet tal-Artikolu 5k(1)(c) tar-Regolament Nru 833/2014 teħtieġ evalwazzjoni fattwali komprensiva. Ara, f'dan ir-rigward, it-tweġiba għall-mistoqsija 11.

[28] Ara l-punt 46 iktar 'il fuq.

51. F'dan ir-rigward, huwa minnu li, kif issuġġerit mill-Gvern Taljan u mill-Kummissjoni, skont id-dritt Taljan, direttur li ma huwiex soċju tipikament jirrappreżenta lill-kumpannija u jaġixxi f'isem is-soċji tiegħu. Madankollu, miżuri restrittivi tal-Unjoni joperaw skont il-kuntest u l-għan ġuridiku awtonomu tagħhom, li huwa sabiex jiġi żgurat li entitajiet jew persuni ssanzjonati ma jistgħux jevitaw il-projbizzjonijiet permezz ta kontroll *de facto* jew indirett. Fil-fatt, kif isegwi mill-Opinjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Ottubru 2019[29], il-kunċett ta' aġir "f'isem" fil-liġi tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni ma huwiex limitat għal aġenzija jew rappreżentazzjoni legali formali fis-sens strett tad-dritt nazzjonali. Minflok, huwa kunċett sostantiv li jinkludi kull sitwazzjoni fejn persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp jaġixxu sabiex iservu l-interessi ta', jew skont l-istruzzjonijiet ta', persuna, entità jew korp imsemmija fl-Artikolu 5k(1)(a) jew (b) tar-Regolament Nru 833/2014. Dan jista' jinkludi influwenza fattwali, aġir ikkoordinat, jew irwoli li mil-lat funzjonali jikkorrispondu mal-interessi jew direzzjonijiet strateġiċi ta' ċittadini Russi, jew persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fir-Russja. Għalhekk, taħt id-dritt Taljan, li wieħed jistrieħ biss fuq ir-rwol formali ta' direttur li ma huwiex soċju skont id-dritt nazzjonali ma huwiex suffiċjenti sabiex tiġi eliminata l-possibbiltà li tali persuni fiżika jew ġuridika, entità jew korp jistgħu, essenzjalment, jaġixxu "f'isem" jew "skont id-direzzjoni" ta' suġġett legali kopert mill-Artikolu 5k(1)(a) jew (b) tar-Regolament Nru 833/2014.

52. Minn dan isegwi li n-nazzjonalità ta' direttur, filwaqt li minnha nnifisha ma hijiex determinanti, tista' tiskatta, meta meqjusa flimkien mar-rwol tiegħu, rabtiet ta' sjieda, u responsabbiltajiet ta' governanza, dover ta' *skrutinju avvanzat* minn awtoritajiet nazzjonali skont l-Artikolu 5k(1)(c) tar-Regolament Nru 833/2014. F'din il-kawża, il-fatt li *tnejn* minn tliet membri tal-bord tad-diretturi ta' Scudieri International huma ċittadini Russi, u li wieħed minn dawn huwa president tal-bord u d-direttur maniġerjali tal-kumpannija, kif ukoll huwa wkoll id-direttur uniku tal-kumpannija omm, jistgħu jeħtieġu skrutinju ulterjuri minn awtoritajiet kontraenti nazzjonali. B'mod partikolari, in-nazzjonalità tad-diretturi, flimkien mar-rwoli u l-istruttura tas-sjieda tagħhom, jistgħu jitqiesu bħala fattur ta' riskju li l-entità tista' tkun ikkontrollata minn entitajiet jew ċittadini Russi, anki jekk il-kumpannija nnifisha ma hijiex direttament taħt il-kontroll ta' ċittadin Russu.

53. B'mod iktar speċifiku, f'din il-kawża, huwa stabbilit li l-ewwel, it-tnejn minn tliet membri tal-bord ta' Scudieri International huma ċittadini Russi; it-tieni, wieħed miċ-ċittadini Russi jservi kemm ta' president tal-bord kif ukoll ta' direttur maniġerjali ta' Scudieri International, li jista' jindika livell għoli ta' kontroll strateġiku u operattiv ta' kuljum li jmorru lil hinn minn involviment sempliċement formali jew nominali; u, it-tielet, l-istess individwu huwa wkoll id-direttur uniku tal-kumpannija omm, b'90 % tal-ishma fi Scudieri International, li jindika struttura ta' kontroll vertikali, fejn l-istess persuna teżerċita setgħa effettiva kemm fuq il-kumpannija omm kif ukoll fuq is-sussidjarja. Dawn il-fatturi jissuġġerixxu sovrappożizzjoni fil-kontroll maniġerjali li, flimkien ma' rabta sinjifikattiva bejn il-kumpannija omm u s-sussidjarja, jistgħu jqajmu tħassib leġittimu li Scudieri International tista' tkun qiegħda taġixxi "f'isem […] jew skont id-direzzjoni […]" ta' persuna, entità jew korp imsemmija fl-Artikolu 5k(1)(a) jew (b) tar-Regolament Nru 833/2014. Għalhekk, hemm riskju plawżibbli li Scudieri International tista' tkun użata bħala vettura għal sid benefiċjarju ieħor li jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 5k(1)(c) ta' dan ir-regolament. Fejn hemm tali konstallazzjoni ta' fatti, punt ukoll enfasizzat minn Opera Laboratori Fiorentini fis-sottomissjonijiet bil-miktub tagħha u fis-seduta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, l-awtoritajiet nazzjonali jistgħu jkunu taħt obbligu pożittiv li jevalwaw jekk offerent huwiex kopert

[29] Opinjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Ottubru 2019 fuq l-Artikolu 5(1) tar-[Regolament Nru 833/2014] (C(2019) 7476 final).

mill-projbizzjoni stabbilita fl-Artikolu 5k(1)(c) tar-Regolament Nru 833/2014 minħabba rabtiet ta' nazzjonalità, kontroll, direzzjoni jew ta' sjieda. Madankollu, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tiddetermina jekk tali evalwazzjoni hijiex neċessarja.

54. B'mod partikolari, meta l-istruttura korporattiva hija kumplessa u fuq diversi livelli, huwa possibbli li l-awtoritajiet ikollhom jirrikorru "għat-test tas-sid benefiċjarju". Anki jekk l-Artikolu 5(k)(1) tar-Regolament Nru 833/2014 ma jsemmix l-aħħar sid benefiċjarju, atti legali tal-Unjoni oħrajn [30], b'mod konsistenti jużaw dan it-test sabiex jidentifikaw kontroll moħbi jew strutturi ta' sidien benefiċjarji. Interpretazzjoni kuntestwali u teleoloġika tal-Artikolu 5k(1)(c) tar-Regolament Nru 833/2014 għandha tippermetti lill-awtoritajiet kontraenti sabiex jiddeterminaw jekk is-sid benefiċjarju jeżerċitax kontroll *de facto*, speċjalment fejn is-sid benefiċjarju huwa ċittadin Russu, persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp stabbiliti fir-Russja. Għaldaqstant, il-preżenza tas-sid benefiċjarju b'tali karatteristiċi tista' tiskatta l-obbligu tal-awtoritajiet kontraenti sabiex iwettqu diliġenza dovuta iktar b'saħħitha sabiex jiddeterminaw jekk l-offerent huwiex fir-realtà qiegħed jaġixxi f'isem jew skont id-direzzjoni ta' persuna, entità jew korp imsemmija fl-Artikolu 5k(1)(a) jew (b) tar-Regolament Nru 833/2014. F'din il-kawża, il-qorti tar-rinviju għandha tieħu inkunsiderazzjoni ta' dawn iċ-ċirkustanzi kollha, fl-azzjoni mressqa minn Opera Laboratori Fiorentini kontra d-deċiżjoni tal-awtoritajiet kontraenti li jagħtu l-kuntratt inkwistjoni lil Scudieri International.

IV. Konklużjoni

55. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, jiena nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi d-domanda preliminari magħmula mill-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat, l-Italja) kif ġej:

L-Artikolu 5k(1)(c) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina

għandu jiġi interpretat fis-sens, sa fejn huwa jipprojbixxi l-għoti jew it-tkomplija tal-eżekuzzjoni ta' kwalunkwe kuntratt pubbliku jew ta' konċessjoni ma' "persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp li jaġixxu f'isem entità msemmija fil-punti (a) jew (b)" tiegħu, li din il-projbizzjoni ma tapplikax awtomatikament għal sitwazzjoni li fiha jingħata kuntratt pubbliku lil kumpannija ta' Stat Membru, li minnu tnejn minn tliet membri tal-bord tad-diretturi huma ċittadini Russi, li wieħed minnhom iservi bħala president u direttur maniġerjali ta' din il-kumpannija u huwa wkoll id-direttur uniku tal-kumpannija omm tagħha, b'90 % tal-kapital tal-ishma u bl-istess mod hija stabbilita skont id-dritt ta' Stat Membru, fejn l-ebda waħda minn dawn il-kumpanniji ma hija direttament jew indirettament proprjetà ta' ċittadini jew entitajiet Russi msemmija fl-Artikolu 5k(1)(a) jew (b) tar-Regolament Nru 833/2014.

Madankollu, dawn iċ-ċirkustanzi fattwali, b'mod partikolari n-nazzjonalità u r-rwoli ta' uffiċjali korporattivi prinċipali, kif ukoll ir-rabtiet sostantivi bejn l-offerent u l-kumpannija omm tiegħu, jistgħu jservu bħala indikaturi rilevanti li jeħtieġu skrutinju ulterjuri mill-awtorità kontraenti. Tali elementi jistgħu jiskattaw dover li jiġi evalwat jekk l-offerent huwiex qiegħed jaġixxi, essenzjalment, "f'isem" jew "skont id-direzzjoni […]" ta' entità koperta mill-Artikolu 5k(1)(a)

[30] Ara, permezz ta' analoġija, l-Artikolu 13(1) u (2) tad-Direttiva(UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ĠU 2015, L 141, p. 73, rettifika fil-ĠU L, 2024/90601), kif emendat bid-Direttiva (UE) 2018/843 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 (ĠU 2018, L 156, p. 43).

jew (b) ta' dan ir-regolament, inkluż permezz ta' kontroll *de facto* minn persuni, entitajiet jew korpi marbuta mar-Russja. Din l-evalwazzjoni għandha tieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi legali u fattwali rilevanti kollha, inkluż ir-rwol u l-influwenza tas-sid benefiċjarju.